MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2012

Numru 332/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**Charles Peresso ta’ 35 sena bin John u Anna nee’ Borg imwieled Pieta fit-3 ta’ Settembru 1976 u joqghod San Mike Apartments Flat4 A Triq San Tumas Fgura detentur tal-karta tal-identita numru 446776M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal- li gie akkuzat talli:

F’xi hin fil-lejl ta’ bejn it-23 ta’ Frar 2012 u l-24 ta’ Frar 2012 gewwa Triq San Xmun il-Fgura u f’dawn il-gzejjer, volontarjament hasser, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew imobbli u cioe ghamel hsara fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni CBO713 tal-ghamla Daihatsu Sirion ghad-dannu ta’ Ramona Pirotta minn

Marsascala liema valur tal-hsara ma jecedix l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69), imma izjed minn mija u sittax il-euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47)

Talli wkoll nhar it-8 ta' Marzu 2012 u zminijiet precedent f'dawn il-gzejjer, bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Ramona Pirotta minn Marsascala biza li ser tintuza vjolenza kontra taghha jew kntra l-propjeta taghha jew kontra l-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti , dixxendenti ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali tieghu u l-fatt illi l-imjputat hallas lill-parte leza id-danni kollha ikkagjonati.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 325 (1)(b) u 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta' Malta qed tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberta taht kondizzjoni.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed torbot lill-imputat li ma jimmolestax jew ikellem lil Ramona Pirotta ghal zmien sena mil-lum u dan taht obbligazzjoni ta’ erba’ mett euro (€400).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------